# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 11**

**Citaz. Nru. 1064/88 JSP**

**Doris Galea mart Nazzareno xebba Tonna u Nazzareno Galea**

**vs**

**Michael Tonna, John Tonna u Margaret mart Leonard Falzon xebba Tonna; u b'digriet tas-17 ta' Novembru 1994, il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni ta' l-atti fuq Margaret mart Leonard Falzon stante l-mewt ta' Michael Tonna fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti civili fis-16 ta' Dicembru, 1996 liema sentenza taqra kif gej:-

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ippremettew:-

"Illi l-kontendenti kollha huma t-tfal ta' Innocenzo u Carmela

Tonna;

Illi fis-17 ta' Ottubru 1975 miet Innocenzo Tonna missier il-kontendenti b'testment unica charta maghmul minn Nutar Nicola Said fit-18 ta' Dicembru 1974 u peress illi fit-28 ta' Settembru 1987 mietet Carmela mart Innocenzo Tonna, omm il-kontendenti, b'zewg testmenti, wiehed datat 22 ta' Ottubru 1975 u l-iehor datat 1 ta' Gunju 1982 redatti quddiem in-Nutar Nicola Said;

Illi l-attrici ma tridx tibqa' in komunjoni mal-konvenuti fl-assi ereditarji ta' l-imsemmija konjugi Innocenzo u Carmela Tonna, u trid li issir id-divizjoni relattiva skond id-disposizzjonijiet kontenuti fl-imsemmija testmenti;

Talbu li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:-

1. previa okkorrendo, il-likwidazzjoni ta' l-assi socjali konjugali u ta' l-assi partikolari ta' kull wiehed mill-konjugi Innocenzo u Carmela Tonna, genituri tal-kontendenti;

2. tordna d-divizjoni w assenjazzjoni lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti ta' dawk il-beni lilhom spettanti skond id-disposizzjonijiet tat-testmenti fuq imsemmija, u mal-porzjon ta' Doris Galea mart Nazzareno ghandha tizdied somma akbar stante servigi reza lil mejta Carmela Tonna, minnha u minn zewgha;

3. tinnomina Nutar biex jippubblika l-Att ta' divizjoni opportun, fil-gurnata, hin u lok fissati mill-Qorti u tinnomina inoltre kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:-

"1. Illi l-konvenuti jaqsmu l-assi ereditarji kif informaw lill-atturi li jafu li qieghed isir dak kollu possibbli biex l-assi jigu likwidati;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru 1994 li bih, stante l-mewt tal-konvenut Michael Tonna fil-mori tal-kawza, ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fuq il-konvenuta l-ohra ohtu Margaret mart Leonard Falzon;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Frar 1989 li bih innominat lill-Avukat Dottor Raymond Pace bhala Perit Legali bl-inkarigu li jirrelata fuq it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess Perit Legali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi bi kritika tar-rapport peritali;

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezibiti;

Semghat it-trattazzjoni;

Rat il-verbal li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-attrici, wahda mill-erba' ulied ta' Inocenzo u Carmela Tonna, qed titlob li jigu likwidati u divizi l-ereditajiet tal-ġenituri taghha u tat-tlett hutha l-ohra konvenuti originali minnha citati. Il-Perit Legali gie inkarigat biex jisma' il-provi biex jistabbilixxi l-konsistenza ta' dawn l-assijiet u biex, wara li jiddetermina l-kwoti spettanti lill-komproprietarji jipproponi kif ghandha issir il-likwidazzjoni w id-divizjoni tal-proprieta' komuni. Dan billi l-attrici ddikjarat l-intenzjoni taghha li ma tibqax fl-istat ta' komunjoni ma' hutha w illum wara l-mewt ta' huha Michael Tonna fil-mori tal-kawza, ma' ulied ta' dan.

L-atturi fl-att tac-citazzjoni fuq riportata, fit-tieni talba taghhom dahhlu element li mad-daqqa ta' ghajn jidher estraneju ghall-azzjoni ta' divizjoni. Dana meta talbu li mal-porzjoni taghha (ta' l-attrici) "ghandha tizdied somma akbar stante servigi rezi lil mejta Carmela Tonna, minnha u minn zewgha." Il-Perit Legali rrelata fir-rigward ta' din it-talba illi din "ghandha tigi michuda stante li jidher car mill-atti ta' l-istess citazzjoni li din hija kawza dwar likwidazzjoni u divizjoni ta' eredita' u mhux ta' servigi." L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom insistew fuq din it-talba ghax "fuq dan il-punt ma kienx hemm kontestazzjonijiet". Il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet dwar dan l-aspett tal-kawza li jrid jigi epurat qabel it-talbiet principali attrici.

1. Ma hemmx dubbju illi l-azzjoni hi wahda ta' likwidazzjoni ta' assijiet ereditarji. It-talba ghad-determinazzjoni ta' ammont dovut f'servigi mill-eredita' lil xi wiehed mill-eredi ma hijiex per se inkompatibbili ma' azzjoni biex jigi determinat stat ta' komunjoni f'eredita'. Jekk sewwa impostata fit-termini gusti bhala parti mill-esercizzju biex tigi determinata l-konsistenza ta' l-assi w il-likwidazzjoni ta' l-istess, talba simili tista' tregi;

2. Talba simili pero' ghandha tkun necessarjament immirata biex l-ammont ta' servigi jigi likwidat bhala dejn ta' l-eredita' li ghandu jitnaqqas mill-assi socjali qabel ma ssir id-divizjoni tieghu billi jigi kanonizzat u mhallas lil min ikun gie gudizzjarjament rikonoxxut li rrenda s-servigi lid-decujus. Zgur li ma jistax jigi determinat b'mod li jizdied is-sehem ta' dak l-eredi li jkun ippresta s-servigi. L-assi fl-eredita' "da dividersi" ghandu jigi stabbilit wara li jitnaqqsu d-debiti - allura anke kull ammont talvolta dovut f'servigi - u hu l-bilanc li jirrizulta li ghandu jigi diviz skond ir-rispettivi kwoti bejn il-kondividendi;

3. Fil-kaz taht ezami t-talba fir-rigward ta' servigi kif proposta hi ghalhekk insostenibbili. Infatti ma hemm l-ebda talba ghal dikjarazzjoni li s-servigi huma dovuti u biex dawn jigu likwidati bhala passiv ta' l-ereditajiet in divizjoni. It-talba hi b'mod ghal kollox skorrett biex mal-porzjoni ta' l-attrici "tizdied somma akbar stante servigi" rezi minnha u minn zewgha. Kieku kellha tregi talba simili kif proposta dan kien ikun ifisser li l-ammont likwidat f'servigi ma kienx ikun dejn ta' l-eredita' bir-rizultat li dan kien ikollu wkoll effett fuq il-konteggi in kwantu hu car li anke l-attrici qua eredi kellha tissaporti sehemha minn kull ammont li seta' jigi likwidat f'servigi;

4. Hu wkoll ovvju illi certament ma setghetx issir talba biex il-porzjoni ta' l-attrici jigi mizjud ukoll b'ammont allegatament dovut lill-zewgha ghal servigi rezi minnu. Dan ikun ghal kollox anti guridiku in kwantu kull ammont dovut lill-zewgha kellu se mai jifforma l-oggett ta' talba ad hoc billi is-somma hekk likwidata kienet tkun risarcibbili biss mill-attur u mhux minn martu;

5. Fl-ahjar ipotesi ghall-atturi allura, it-tieni talba setghet b'xi mod imgebbed tigi salvata fir-rigward ta' l-attrici biss imma certament mhux fir-rigward ta' l-ammont li seta' kien dovut ghal servigi rezi mill-attur. Wisq anqas ma setghet din it-talba tregi fir-rigward ta' servigi allegatament prestati minn bint l-atturi li mhux biss ma hijiex parti fil-kawza imma lanqas biss ma hi msemmija fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni anke jekk saret hafna enfasi fix-xhieda dwar il-kontribuzzjoni ta' din it-tifla - illum maggorrenni - ghal dawn l-allegati servigi. Din it-tifla kellha

tagixxi f'isimha kontra l-eredita' jew jekk kienet ghadha minuri meta giet intavolata l-azzjoni messu l-attur, missierha, se mai agixxa in rapprezentanza taghha. Minn dan kollu ma sar xejn;

6. It-talba ghall-pagament tas-servigi pretizi kif proposta ma hijiex ghalhekk sostenibbili. Ghal kull buon fini tajjeb jinghad ukoll illi anke kieku din setghet tigi salvata fir-rigward biss ta' l-attrici, il-provi prodotti ma jwasslux lill-Qorti ghall-konvincement li tali ammont kellu jigi likwidat. Dana ghaliex "inter alia":-

A. Jirrizulta mill-provi w aktar mit-testmenti ta' l-omm Carmela Tonna illi din tirrikonoxxi li gew prestati lilha servigi wkoll minn uliedha l-ohra il-konvenuti Michele Tonna u Margherita Tonna, tant li lil dawn hallitilhom legat ta' Lm500 kull wiehed "biex b'xi mod tikkompensahom u thallashom tas-servigi, kuri w assistenzi li l-istess zewg uliedha qeghdin jipprestawlha b'imhabba kbira u ta' dawk li ghad jistghu jipprestawlha mil-lum 'il quddiem sal-mewt taghha." Testment li ghamlet fit-22 ta' Ottubru 1975;

B. B'testment ta' l-1 ta' Gunju 1982, allura fiz-zmien meta presumibbilment kienet bdiet suppost tippresta servigi l-attrici, l-istess Carmela Tonna ekwiparat l-erbat itfal fir-rigward ta' legati ta' flus billi anke lill-attrici u lil binha Giovanni hallitilhom legat ta' ammont identiku ta' Lm500. Anke jekk l-omm ma specifikatx li dan il-laxxitu kienet qed thallih bi hlas jew in rikonoxximent ta' servigi lilha rezi hu ovvju illi l-omm kienet qed tipprova tikkompensa lill-uliedha kollha b'mod indaqs ghal dak li ghamlu maghha fir-rigward ta' laxxiti ta' flus;

7. Il-Qorti, wara ezami bir-reqqa tal-provi, u konsidrat il-fatt li tezisti rabta familjari mill-qrib u tad-demm bejn l-omm u l-bint u allura ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li s-servigi sa certu grad u sa certu inkomodu ghandhom jitqiesu li huma naturali, dovuti u gew prestati "familiaritatis vel pietatis causa" anke jekk ghandu jkun salv ukoll il-principju li "omne labor optat proemium", li s-servigi rezi ghaz-zmien relattivament qasir u l-kwalita' taghhom kienu adegwatament kompensati bil-legat ta' Lm500 mhollija lill-attrici minn ommha. Dan konsidrat kif gia' inghad illi l-Qorti ghandha biss tqis u tikkonsidra s-servigi rezi se mai mill-attrici biss u mhux ukoll mill-attur u binthom kif ukoll il-fatt li jirrizulta li servigi tax-xorta prestati mill-attrici gew ukoll prestati minn almenu tnejn mit-tlett konvenuti l-ohra.

L-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tippretendi li l-Perit Legali naqas li jikkonsidra dak lilha dovut minn naha ta' l-armla u in effetti akkordalha biss 1/8 li tirrapprezenta sehmha mill-wirt

ta' missierha. Hi ssostni li ommha haliet kollox lil-huha Michael Tonna w allura l-Qorti kellha "izzid porzjoni iehor rapprezentanti l-legittima" fuq il-wirt ta' l-omm flimkien ma' dak likwidat mill-Perit Legali. Sottomissjoni din ghal kollox priva minn fondament guridiku. Hu ovvju illi eredi ma jistax jippretendi l-hlas ta' legittima minghajr ma jkun ghazel li jirrinunzja ghall-eredita' u dana favur li jitlob dan id-dritt. Rinunzja li l-attrici manifestament ma ghamlitx u li kienet kieku timporta wkoll rinunzja ghal-legat lilha mholli mill-istess testatrici ommha. Mhux biss jirrizulta mill-provi li l-attrici diga' immiskjat ruhha sewwa fl-eredita' ta' ommha sal-punt li hi ippercepiet sehemha skond it-testment u dan b'mod partikolari mid-depositi u flus likwidi imma wkoll li bl-ebda mod ma qed tikkontesta l-validita' tat-testmenti ta' l-omm, fosthom dak "unica charta" mill-missier, illi jiddikjara lill-erba' ulied bhala eredi univerali fi kwoti indaqs bejniethom ta' l-ereditajiet tal-genituri.

Din is-sottomissjoni hi ghalhekk insostenibbili u qed tigi respinta.

**<u>Il-meritu</u>**

"Una volta" gew determinati dawn l-aspetti preliminari, il-kawza in kwantu tirrigwarda l-likwidazzjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri tal-kontendenti originali ftit tirrapprezenta diffikolta'. Gie stabbilit li f'dawn l-ereditajiet li ghalihom <u>huma kjamati bhala eredi</u> l-erba' ulied tal-konjugi Tonna, fadal biss proprieta' immobbili wahda soggetta ghall-kirja tal-konvenuta Margaret Falzon u xi ghamara. Il-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali dwar kif dawn l-ereditajiet ghandhom jigu likwidati huma korretti, u ma gew kontestati minn ebda parti hlief ghas-sosttomissjonijiet ta' l-atturi fuq trattati. Ir-relazzjoni qed tigi ghalhekk adottata u din il-parti taghha qed tigi riprodotta bhala li qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

> "**<u>ID-DIVIZJONI TA' L-ASSI EREDITARJI</u>**
>
> 23. Illi <u>l-assi ereditarji ta' Innocenzu Tonna</u>, gew imhollija ai termini ta' Artikolu sitta (6) tat-Testment Unicha Charta datat 18 ta' Dicembru 1974, fl-atti tan-Nutar Nicola Said, lill-erba' uliedu cioe' Dolores mart Nazzareno Galea, Giovanni, Michele, u Margherita ahwa Tonna, b'dan ghalhekk li l-istess eredita' ghandha tinqasam kwart (¼) kull wiehed mill-partijiet odjerni f'din il-kawza;
>
> Ma jirrizultax li tali testment kien sigriet jew

modifikat b'xi iehor tat-testatur u ghalhekk tali divizjoni jew pjan ta' partizzjoni huwa finali.

24. Illi minn naha l-ohra l-assi ereditarju ta' Carmela mart Innocenzo Tonna huwa regolat:

A. Bit-testment unica charta precitat fejn l-istess Dolores Galea, Giovanni Tonna, Michele Tonna, u Margerita xebba Tonna llum mart Leonard Falzon, gew innominati bhala eredi ai termini ta' Artikolu 6 ta' l-istess;

B. Bit-testment tat-22 ta' Ottubru 1975 fl-atti tan-Nutar Nicola Said it-testatrici ippremettiet li:-

A: Prelegat ta' Lm500 favur Michele Tonna (L-ewwel Artikolu) ghas-servigi;

B: Prelegat ta' Lm500 favur Margherita Tonna (It-tieni Artikolu) ghas-servigi;

C: Testment fl-atti tan-Nutar Nicola Said datat l-1 ta' Gunju 1982, fejn stipulat li:

(a) Prelegat ta' Lm500 favur John Tonna (L-Ewwel Artikolu);

(b) Prelegat ta' Lm500 favur Maria Dolores mart Nazzareno Galea;

(c) Prelegat tan-nofs inidiviz taghha tad-dar 46 Parish Street, Mqabba li minnha hemm bieb iehor li ghandu n-numru wiehed (1) fi Sqaq Numru wiehed ta' l-istess triq soggetta d-dar intiera ghac-cens annwu u perpetwu ta' 62c5m lil Michele Tonna;

(d) Prelegat ta' Lm100 favur Lilian u Louise Falzon, ulied Margharet Falzon, kull wiehed;

(e) Prelegat ta' Lm100 lil Giuditta u Karen ahwa Galea ulied Dolores Galea kull wiehed.

(A) Id-divizjoni ta' l-Assi Ereditarju ta' Innocenzo Tonna

25. Illi l-assi ereditarju ta' Innocenzo Tonna

konsistenti f'nofs indiviz tal-fond 46, Parish Street, Mqabba, ghamara konsistenti f'sett tal-pranzu, sett tal-kcina, salott, sett tal-wicker, magna tal-hjata u singer sewing machine u zewgt isnieter jappartjenu in kwantu ghal kwart parti kull wiehed lill-ulied l-istess decujus bhala eredi ta' l-istess u ghalhekk tali proprieta' sew jekk mobbli w anke immobbli ghandha tigi mibjugha in licitazzjoni w ir-rikavat jinqasam f'erba' porzjonijiet ugwali u jinqasmu bejn l-erba' partijiet.

(B) <u>Id-Divizjoni ta' l-Assi Ereditarji ta' Carmela Tonna</u>

26. Illi fl-ewwel lok ghandhom jigu sodisfatti l-prelegati msemmija fit-testmenti tal-1 ta' Gunju 1982 u 22 ta' Ottubru 1975 b'dan li:

A. jithallsu mill-eredi l-ammont ta' Lm500 kull wiehed lil kull parti fil-kawza;

B. jithallas il-prelegat ta' Lm100 kull wiehed lil Lilian Falzon, Louise Falzon, Giuditta Galea u Karen Galea;

C. jigi assenjat il-prelegat ta' nofs indiviz ta' 46 Parish Street, Mqabba kif deskritt fit-testment tan-Nutar Nicola Said tal-1 ta' Gunju 1982 lil Michele Tonna.

27. Illi l-mobbli gia' indikati ghandhom jigu mibjugha in licitazzjoni w ir-rikavat jinqasam bejn l-erba' partijiet bhala eredi ta' l-istess testatrici.

**<u>KONKLUZZJONI</u>**

28. Illi ghalhekk in vista ta' dak kollu espost fl-umili opinjoni ta' l-esponenti t-talbiet attrici ghandhom jigu decizi u maqtugha kif gej -

(1) billi jigi dikjarat u deciz li l-wirt ta' Innocenzo Tonna huwa regolat bit-Testment Unica Charta datat 18 ta' Dicembru 1974, u li l-erba' partijiet huma eredi ta' l-istess porzjonijiet ugwali;

(2) billi jigi dikjarat u deciz li l-wirt ta' Carmela Tonna huwa regolat bit-testmenti unica charta tat-

18 ta' Dicembru 1974, tat-22 ta' Ottubru 1975 u tal-1 ta' Gunju 1982 redatti minn Nutar Nicola Said;

(3) illi l-assi tal-konjugi Innocenzo u Carmela Tonna kienu jikkonsistu:

a. fid-dar numru sitta w erbghin (46) Parish Street, Mqabba, kif suggett ghall-kirja favur Margaret Falzon;

b. l-ghamara konsistenti f'sett tal-pranzu, sett tal-kcina, salott, sett tal-wicker, magna tal-hjata, singer sewing machine u zewgt isnieter;

c. il-flus il-bank u stock indikati fil-lista ta' l-assi ta' din ir-relazzjoni li pero' gia' gew maqsuma bejn il-partijiet;

(4) Illi dawn l-assi kollha kienu formanti lkoll parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Innocenzo u Carmela Tonna u ghalhekk kull wiehed u wahda ghandha nofs indiviz mill-istess assi;

(5) Illi ghalhekk in vista tal-premess, id-divizjoni u l-assenjazzjoni ghandha ssir bil-mod segwenti:

A. L-ewwel jigi assenjat bhala prelegat sehem it-testatrici Carmela Tonna ta' nofs indiviz tal-fond 46 Parish Street, Mqabba lil Michele Tonna;

B. Issir licitazzjoni tan-nofs indiviz tal-fond 46 Parish Street, Mqabba, u tal-mobbli gia' indikati, stante li ma kienux kommodament divizibbli;

C. Ir-rikavat mill-istess licitazzjoni jigi utilizzat biex jithallsu l-prelegati ta' Lm500 kull wiehed lil kull wiehed mill-partijiet in sodisfazzjoni tal-prelegati ordnati minn Carmelo Tonna, u wkoll tithallas is-somma ta' Lm100 kull wiehed lil Lilian Falzon, Louise Falzon, Giuditta Galea u Karen Galea;

D. Jekk jibqa' xi ammont dan jigi maqsum f'porzjonijiet ugwali ta' kwart lil kull wiehed u wahda mill-partijiet."

Finalment il-Qorti tikkunsidra illi:-

A. Fir-rigward tal-kirja li l-mejta Carmela Tonna ghamlet favur il-konvenuta Margaret Falzon tad-dar 46, Parish Street, Imqabba, kantuniera ma' sqaq numru tlieta ta' l-istess triq fejn ghandha bieb iehor li jgib in-numru tmienja, ma jidhirx li saret xi kontestazzjoni minn xi parti ohra fil-kawza. F'kull kaz din il-kirja saret b'att pubbliku u sakemm il-validita' tieghu ma tigix gudizzjarjament inficjata mhux lecitu li tigi dubitata. Il-kirja saret ghal zmien ghaxar snin di fermo u hames snin di rispetto u it-terminu originali taghha ghadu ghalhekk in corso. Hi naturalment regolata bil-ligijiet li japplikaw ghall-kirjiet ta' din ix-xorta;

B. Il-kontendenti ma ghamlu l-ebda sforz biex jidentifikaw il-valur ta' l-oggetti mobbili li jirrizulta mill-provi li kienu jappartjenu lill-ereditajiet in divizjoni u li huma bit-testment ta' proprieta' komuni ta' l-ulied tal-konjugi Tonna fi kwoti indaqs. Fin-nuqqas ta' interess da parti taghhom, il-Qorti ghandha ragun tifhem illi hadd mill-partijiet ma qieghed jinsisti li jircievi xi oggett minnhom in natura. Mhux il-kaz allura li l-kawza tigi prolungata oltre b'indagini jekk setghax jew le jsir pjan ta' divizjoni ta' dawn l-oggetti mobbili bi spejjes zejda ta' stima u telf ta' zmien. Ghamel sewwa il-Perit Legali li qies dawn l-oggetti bhala hwejjeg di poco momento u rrakkommanda li dawn jinbieghu u li jekk jipproducu rikavat dan jinqasam bejn il-partijiet skond ir-rispettivi kwoti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi il-kawza billi, prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali fl-interezza taghha, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti, hlief ghal dik il-parti tat-tieni talba li fiha intalab li mal-porzjoni ta' l-attrici ghandha tizdied somma akbar ghal prezz ta' servigi minnha u minn zewgha rezi lill-ommha. Tiddikjara li l-assi socjali fl-ereditajiet ta' Innocenzo Tonna u ta' martu Carmela Tonna jikkonsistu fis-sostanzi elenkati fir-rapport peritali li silta minnu hi riportata aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Tordna illi l-istess assijiet ereditarji jigu likwidati u divizi skond kif irrakkommanda l-istess Perit Legali u cioe':

1. Billi jigi assenjat lill-eredita' tal-konvenut Michele Tonna l-prelegat tan-nofs indiviz tal-fond 46, Parish Street, Imqabba, lilu mholli minn ommu Carmela Tonna u kif minnu soggett ghall-uzu u l-uzufrutt mill-konvenuta ohtu, Margaret mart Leonard Falzon, skond id-disposizzjonijiet tat-testment in atti Nutar Dr. Pierre Falzon tas-16 ta' Novembru 1988;

2. Billi tordna li jsir il-bejgh in licitazzjoni tan-nofs indiviz l-iehor tal-fond 46, Parish Street, Imqabba, kif ukoll ta' l-effetti

mobbili fuq imsemmija fir-relazzjoni peritali appartenenti lill-istess ereditajiet. Mir-rikavat ta' dan il-bejgh li ghandu jsir bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji ghandhom jithallsu l-prelegati ta' Lm500 kull wiehed lil kull wiehed u wahda mill-ulied tal-konjugi Tonna b'dan li l-ammont dovut lill-mejjet Michele Tonna ghandu jigi percepit mill-eredi tieghu Julia u Louise ahwa Falzon kif soggett ghall-uzu u l-uzufrutt ta' ohtu il-konvenuta Margaret Falzon, dejjem skond id-disposizzjonijiet tat-testment ta' l-istess Michele Tonna. Ghandhom ukoll jithallsu l-prelegati ta' Lm100 kull wiehed lil Lilian Falzon, Louise Falzon, Giuditta Galea u Karen Galea. Kull bilanc li jifdal ghandu jigi ugwalment diviz bejn l-erba' ulied tal-konjugi Tonna jew l-aventi kawza taghhom skond il-kwota li tispetta lil dawn ta' l-ahhar;

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Philip Said biex jippubblika l-att relattiv ghall-immissjoni fil-pussess ta' l-imsemmi legat tal-kwota indiviza ta' l-immobbili fuq imsemmi u lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci.

L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti skond ir-rispettivi kwoti li huma ghandhom fl-ereditajiet li qed jigu b'din il-kawza likwidati u divizi."

Minn dik is-sentenza appellat Margaret mart Leonard Falzon, wahda mill-konvenuti li fil-fatt fiha kienu gew trasfuzi l-atti stante l-mewt ta' Michael Tonna fil-mori tal-kawza, u li grat fl-1994.

Hija appellat permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Jannar, 1997 li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma laqghetx dik il-parti tat-tieni talba li fiha intalab li mal-porzjon ta' l-attrici ghandha tizdied somma akbar ghall-prezz ta' servigi u tirrevokaha in kwantu laqghet it-talbiet l-ohra attrici u ordnat il-bejgh in licitazzjoni ta' nofs indiviz tal-fond 46, Parish Street, Imqabba kif ukoll ta' l-effetti mobbli msemmija u konsegwentement

tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

Ma jidhirx mill-process illi giet prezentata risposta ta' l-appell.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa illi fil-mori tal-kawza,cioe' fl-24 ta' Settembru, 1996, miet wiehed mill-konvenuti cioe' John Tonna u ma saritx it-trasfuzjoni u/jew il-legittimazzjoni ta' l-atti necessarja. Illi ghalhekk fil-fehma ta' l-appellanti s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla li minnha sar l-appell odjern hija nulla stante li wiehed mill-partijiet fil-kawza kien diga' mejjet u ma saritx it-trasfuzjoni jew il-legittimazzjoni ta' l-atti kif rikjesta mil-ligi.

Fuq dan l-aggravju ftit hemm x'jinghad. Infatti, gie ppruvat f'dan l-istadju ta' l-appell illi verament Giovanni Tonna miet fl-24 ta' Settembru 1996, cioe', tlett xhur qabel ma' l-Prim'Awla ppronunzjat is-sentenza mertu ta' dan l-appell, pero' dan mhuwiex dirimenti tal-kwistjoni jew ghandu jwassal ghan-nullita' peress illi fit-termini ta' gurisprudenza twila u kostanti li ma ghandhiex ghalfejn din il-Qorti toqghod tinhela tirriproduci, jekk il-mewt tokkorri meta l-kawza tkun diga' differita ghas-sentenza, allavolja ma ssirx il-legittimazzjoni ta' l-atti jew it-trasfuzjoni tal-gudizzju, ma hemmx nullita'. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ma huwiex sostnut u qed jigi respint.

Imbaghad l-appellanti tilmenta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-oggett ereditarju stante li l-atturi ma

ghamlux talba specifika ghal dan il-ghan. L-atturi talbu li jigu likwidati l-assi ereditarji, tigi ordnata d-divizjoni u l-assenjazzjoni ta' l-oggetti ereditarji u jigi nominat biex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun. Huma jsostnu li billi ma saret ebda talba biex l-Ewwel Onorabbli Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-oggetti ereditarji, ghalhekk ma setghetx tigi ordnata l-licitazzjoni.

Din hija erezija legali peress illi l-bazi ta' l-azzjoni hija l-ewwel u qabel kollox, prevja u okkorrendo, illi l-likwidazzjoni ta' l-assi socjali konjugali u l-assi partikolari u imbaghad ghad-divizjoni illi f'termini legali timporta dejjem il-licitazzjoni jekk l-oggett biex jigi diviz mhuwiex komodament divizibbli.

Fl-ahhar nett l-appellanti tissottometti illi l-attrici gia' pprelevat xi oggetti mill-assi ereditarji. Dawn huma fil-fehma ta' l-appellanti 6 pari gastri, 2 pari sopraporti tar-ramm, 8 qsari tar-ramm, 4 inkwadri u curkett tal-grizma tal-appellanti stess li kienet qed izommu ommha. Fil-fehma ta' l-appellanti dawn ghandhom jigu riportati lura u maqsuma skond il-ligi – hlief ovvjament ghac-curkett li hu proprjeta' tal-appellanti.

Illi verament dawn huma elementi ta' provi li messhom saru fi prim istanza u mhux f'din l-istanza u billi ma hemm xejn x'isostni dak illi qieghed jigi asserit issa, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz illi zzid fuq dak li hemm fis-sentenza appellata.

Hemm finalment sottomissjoni li s-snieter imsemmija fis-sentenza huma licenzjati fuq Michael Tonna u ghalhekk kienu jappartjenu lilu u issa jappartjenu lill-ulied l-esponenti li huma l-eredi tieghu. Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex illi f'dan l-istadju tista' tidhol f'din il-kwistjoni una volta din kienet kwistjoni ta' prova li jmissha saret fi prim istanza fejn kien hemm zmien bizzejjed wara l-mewt ta' Michael Tonna biex setghet issir u fi kwalunkwe kaz f'din l-istanza ma ngibitx il-prova relattiva.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata kif inhi salvi drittijiet si et quatenus li jistghu jemergu mill-ahhar zewg aggravji li jissemmew u li pero' din il-Qorti, kif inghad, ma tistax tidhol fihom. L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu kollha a karigu ta' l-appellanti. Qed tigi konfermata wkoll in-nomina tan-Nutar Dottor Philip Said biex jippubblika l-att relattiv ghall-immissjoni fil-pussess ta' l-imsemmi legat tal-kwota indiviza ta' l-immobbli msemmi fis-sentenza appellata u lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci. L-imsemmi Nutar Said ghandu jippubblika l-att imsemmi wara li jkun innotifika lill-partijiet kollha bid-data u l-post illi jkun iddecieda hu. Ghandu s'intendi jigi nfurmat ukoll Dottor Azzopardi nominat kif inghad.

Dep/Reg

cb